**10 ta' Diċembru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Ancilleri u John Cauchi

**Sentenza – Akwijexxenza – Appell Irritu u Null**

*It-talba tal-persuna misjuba ħatja lill-ewwel Qorti biex takkordalu li jħallas il-multa b'rati mensili hi inkompatibbli mal-volontà li jsir appell mis-sentenza, u konsegwentement l-appell hu rritu u null.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tas-27 ta' Mejju, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat Cauchi ħati li waqt li kien fil-klabb tal-futbol tal-*Vittoriosa Stars* fl-14 ta' Marzu, 1992 għall-ħabta tal-11 a.m. (a) ħa sehem f'logħob ta' l-ażżard u ta' l-interess; (b) għamel jew ipprova jagħmel jew kien b'xi mod interessat f'imħatra ta' xi logħob, *'sport'* jew kien preżenti waqt li l-imħatri kienu qegħdin jinżammu; (ċ) għamel lottu klandestin jew ġabar il-flus tal-ġugati fuqhom, jew b'xi mod għen jew ħajjar jew ħa parti f'lottu klandestin li sar b'wegħdiet lill-ġugaturi ta' premjijiet ta' flus jew ta' ħaġa oħra jew bil-mezz ta' ġbir jew ta' sottoskrizzjonijiet ta' numru li jaqblu ma' dawk tal-lottu Pubbliku jew li jkunu bħalhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 12(1)(2)(3) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannatu

għall-multa ta' elf lira Maltija (Lm1,000), u minħabba l-koperazzjoni mal-pulizija applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u ma infliġġietx ukoll piena karċerarja, iżda lliberatu taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena. Inoltre, ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti esibiti;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat John Cauchi talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilliberah mill-imputazzjonijiet jew fin-nuqqas, li tapplikalu piena taħt il-minimu stabbilita mil-liġi, inqas minn dik inflitta;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi: –

1. Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 1992, wara li kienet ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata, l-imputat, permezz ta' l-Avukat tiegħu talab lill-ewwel Qorti biex takkordalu jħallas il-multa inflitta lilu b'rati mensili ta' ħamsa u għoxrin lira kull rata;

2. Dik it-talba kienet tikkostitwixxi akkwijexxenza għas-sentenza, għaliex mhix kompatibbli mal-volontà li jsir appell mis-sentenza (Kollez. Vol. XXXI.IV.391);

3. Fil-fatt l-ewwel Qorti laqgħet it-talba msemmija, u l-appellant kellu jħallas l-ewwel rata fil-15 ta' Ġunju, 1992. L-appellant ovvjament ma kienx talab lill-Qorti tal-Maġistrati għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza u huwa daqstant ovvju li dik is-sospensjoni ma ġietx mogħtija;

Għal dawn il-motivi tiddikjara l-appell irritu u null, u f'dan is-sens tiċħdu. Inoltre, billi l-appell huwa vessatorju, tikkundanna lill-appellant ħamsa u għoxrin lira ammenda a tenur ta' l-artikolu

429(2) tal-Kodiċi Kriminali.